MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 529/1988/1

**L-Avukat Dottor Dominic A. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` bankarja 'Bank of Valletta Limited'**

**vs**

**Lawrence Farrugia, bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Bermark Industries Limited'**

**u**

**Lawrence Farrugia u l-Onorevoli John Dalli f`isimhom proprju.**

Dan huwa appell minn sentenza ta` l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tad-19 ta` Lulju 1989 li tibda` hekk:
“L-att ta` citazzjoni jaqra hekk:

Premess illi in forza tal-kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin fil-11 ta` Marzu 1983 l-attur nomine ikkonceda `Overdraft Facilities` lis-socjeta` kummercjali `Bermark Industries Limited` bit-termini u l-kondizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata `Dokument A`.

Premess illi llum l-attur nomine jinsab kreditur tas-socjeta` kummercjali `Bermark Industries Limited` fis-somma ta` mija disgha u disghin elf, erba` mija u ghaxar liri Maltin u erba` millezmi (Lm199,410.00,4) bilanc ghad-debitu fl-`Overdraft Accounts` tas-socjeta` `Bermark Industries Limited` mas-socjeta` bankarja `Bank of Valletta Limited` (Dok. B1 sa B22 u C1 sa C45) salv imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta` Marzu 1988 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Premess illi kemm in forza ta` l-istess kuntratt gie imsemmi (dok. A) kif ukoll permezz taz-zewg skritturi privati datati t-tnejn li huma 3 ta` Mejju 1985 (Dok. D u E) il-konvenuti Lawrence Farrugia u John Dalli flimkien u `in solidum` bejniethom u mas-socjeta` kummercjali `Bermark Industries Limited` iggarantew a favur tal-attur nomine, id-debiti ta` l-istess socjeta` kummercjali `Bermark Industries Limited` mas-socjeta` `Bank of Valletta Limited`.

Premess illi l-konvenuti kollha benche` interpellati permezz ta` ittri ufficjali datati 9 ta` Settembru 1987 sabiex ihallsu d-dejn taghhom versu l-attur nomine, baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex:

1. m`ghandhiex din il-Qorti tikkundanna lilhom flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta` mija disgha u disghin elf, erba` mija u ghaxar liri Maltin u erba` millezmi (Lm199,410.00,4) bilanc ghad-debitu fl-`Overdraft Accounts` tas-socjeta` kummercjali `Bermark Industries Limited` mas-socjeta` bankarja `Bank

of Valletta Limited` salv imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta` Marzu 1988 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-tliet ittri ufficjali datati 9 ta` Settembru 1987, tal-Mandati ta` impediment kontra Lawrence Farrugia u John Dalli u tal-Mandati ta` Sekwestru u deskrizzjoni kontra l-konvenuti kollha ipprezentati fid-9 ta` Settembru 1987 u l-mandati kollha l-ohra sussegwenti kollox kontra l-istess tliet konvenuti li huma minn issa ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

L-eccezzjonijiet li pprezentaw il-konvenuti, kienu hekk:

Lawrence Farrugia nomine (i) illi huwa gie mharrek flimkien mal-konvenuti l-ohra b`mod solidali imma b`ebda distinzjoni bejn id-debitrici principali u l-garanti fis-sens illi anki jekk hemm din is-solidarjeta`, it-talba attrici kellha tispecifika il-kwalita legali diversa li fiha l-konvenuti suppost kellhom jigu ikkundannati; (ii) li l-ammont mitlub huwa eccessiv specjalment ghaliex gew kalkolati imghaxijiet komposti meta dawn kellhom ikunu semplici.

John Dalli oppona l-istess haga fl-ewwel eccezzjoni tieghu w imbaghad, illi skond il-kuntratt tal-11 ta` Marzu 1983 l-ammont massimu li ghalih huwa assuma responsabbilta` kien ta` Lm88,500 waqt li skond il-formola tal-garanzija l-ammont massimu kien ta` Lm161,326; u fl-ahharnett li l-interessi huma komposti u mhux semplici.

Lawrence Farrugia oppona l-istess eccezzjonijet.

Dik is-sentenza, imbaghad iddecidiet hekk:

Ghaldaqstant il-Qorti prevja c-cahda ta` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti takkolji t-tieni eccezzjoni msemmija u konsegwentement, wara li rat id-dokumenti G1 sa G13 tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom li jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u disghin elf tlett mija u tlieta u disghin lira (Lm190,393) bilanc ghad-debitu ta` overdraft accounts u l-interessi sas-26 ta` Marzu 1988.

Salvi l-interessi ulterjuri wara din id-data.

L-ispejjez – inkwantu l-kawza saret u giet limitata ghad-dibattitu taz-zewg eccezzjonijiet – jithallsu kwantu ghal kwart mill-Bank u tlett kwarti mill-konvenuti.

Minn din is-sentenza il-partijiet kollha, hlief ghall-konvenut John Dalli, hassew ruhhom aggravati u permezz ta` noti rispettivi fis-26 u fis-27 ta` Lulju 1989 quddiem il-Qorti tal-Kummerc informawha li kienu sejrin jinterponu appell quddiem din il-Qorti. Effettivament, pero`, kien biss il-Bank attur li pprezenta petizzjoni ta` l-appell fit-8 t`Awissu 1989 u ghaldaqstant in kwantu l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kollha is-sentenza taghha f`dan ir-rigward ghaddiet in gudikat. Ghall-petizzjoni ta` l-appell saru risposti ta` l-appell mill-konventui John Dalli u Lawrence Farrugia personalment fil-31 t`Awissu u 5 ta` Settembru 1989 rispettivament. L-appell gie ittrattat mill-anqas darbtejn quddiem din il-Qorti kif diversament komposta sakemm fis-seduta tal-31 ta` Jannar 1994 gie definittivament differit ghas-sentenza. Din is-sentenza, pero`, ma inghatax ghal diversi ragunijiet, sakemm quddiem din il-Qorti kif diversament komposta, dehru (fit-30 ta` April, 2002) l-avukat tal-Bank appellant u ta` l-appellati John Dalli w is-socjeta` Bermark Industries Limited li qablu li l-kawza setghet tibqa` differita ghas-sentenza fuq l-ati kif komposti. Minhabba li din il-Qorti regghet giet komposta mill-gdid (ara l-verbal tat-30 ta` Settembru, 2002) is-sentenza ma setghetx tinghata fit-30 ta` Settmebru, 2002. Fl-udjenza ta` l-10 ta` Ottubru, 2002 deher biss ir-rappresentant tal-Bank of Valletta li nforma lill-Qorti il l-appell seta` jibqa` ghas-sentenza fuq l-atti li hemm. Ghalhekk is-sentenza ser tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka dwar il-mod studjat u logiku ta` kif l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjonijiet taghha. Hija ma kelliex kompitu facli partikolarment fejn hadet il-linja li kienet sejra tiddipartixxi minn dawk il-principji fil-materja li din il-Qorti issostni huma l-principji li gew adottati kwazi unanimament mill-

gurisprudenza tal-Qrati taghna sa mill-bidu tas-seklu l-iehor. Dan nonostante din il-Qorti jidhrilha li r-ragunijiet u l-konkluzjonijiet ta` l-ewwel Qorti ma humiex dawk gusti u korretti ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna. Din il-Qorti f`sentenza moghtija illum stess f`appell fl-ismijiet *'Bank of Valletta Limited vs Anna`s Trading Company Limited et" (Cit Nru 160/97)* ezaminat il-kwistjoni f`certu dettal u, allura, a skans ta` ripetizzjoni inutili sejra l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal konsiderazzjonijet ta` din il-Qorti kif enuncjati f`din is-sentenza fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, jissemmew dawk li, fil-fehma ta` din il-Qorti, huma l-interpretazzjoni tal-ligi korretta fir-rigward ta` kif jigu debitati l-imghaxijiet fil-kuntratt tal-kont kurrenti (overdraft) mill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji lokali ohra.

Jiswa pero` li jigu senjalati l-principji saljenti decizi f`dik is-sentenza u dan apparti illi din il-Qorti thoss ukoll li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet li huma partikolari ghal dan il-kaz prezenti. F`dan, din il-Qorti mhix necessarjament sejra ssegwi xi ordni partikolari u ghalhekk l-osservazzjonijiet taghha jistghu, fl-istess nifs, jinkludu sew repetizzjoni ta` principji gia enuncjati fil-kawza fuq imsemmija sew kummenti fuq il-fattispeci ta` dan il-kaz partikolari.

1. Il-kuntratt ta` mutwu (loan) u dak ta` kont kurrent (overdraft) huma intrinsikament ta` natura differenti. Dan huwa rikonoxxut sew minn diversi guristi bhal Baudry Lacantinerie sew f`sentenzi tal-Qrati taghna *"il-ghaliex la darba tkun saret il-kapitalizzazzjoni ta` l-interessi skaduti, l-indoli ta` l-interessi f`dawk il-flus kapitalizzati, oggetti ta` l-obligazzjoni, tispicca, u l-istess flus interessi kapitalizzati jsiru ma` kull kapitalizzazzjoni, kapital, u bhala tali jigu kunisdrati ghall-effetti guridici sakemm l-obligazjzoni relativa ma testingwix ruhha; u kien ghalhekk li Pardessus, fost awturi ohra, qal li fil-kont korrent il-kapitalizzazzjoni ta` l-interessi tmur sabiex tifforma kapital gdid"* (Edwin Vassallo nomine versus Salvatore Balucci Prim`Awla 30 ta` April 1947). F`din is-sentenza studjata tal-Qorti sar ezami ukoll ta` l-ghala fi Franza u fl-Italja l-kaz tal-kont kurrenti ma kienx jinkwadra ruhu fl-

anatocizmu. L-indivizibilita` tal-kuntratt tal-kont kurrenti jwassal biex tigi eliminata d-distinzjoni li setghet tezisti bejn l-interessi u l-kapital;

2. Fin-nuqqas ta` provvediment tal-ligi tal-kummerc japplikaw l-uzu tal-kummerc li jiehdu precedenza fuq il-provvedimenti tal-Kodici Civili. Huwa minnu illi, kif gustament sostniet l-ewwel Qorti, li uzu tal-kummerc ma jistax imur kontra l-ordni pubbliku. Din l-istqarrija, pero`, tirrekjedi ezami aktar profond minn hekk. Il-periklu socjali ta` l-anatocizmu huwa fil-verita` marbut mal-kuncett ta` l-uzura. Effettivament dan huwa l-ghan socjali li legislaturi mad-dinja kollha u tul iz-zminijiet riedu li tigi evitata, ikunu xi jkunu c-cirkostanzi. L-imghaxijiet komposti, ghalhekk, huma principalment, jekk mhux unikament, oggezzjonabbli ghax indirettament (jew direttament) iwasslu ghall-uzura li ma hi xejn hlief li wiehed jiddebita` l-imghax b`rata oghla minn dik permessa b`xi ligi. L-ebda kreditur, per ezempju, ma jista` jigi socjalment jew moralment ikkritikat jekk jiddebita l-imghax ta` 1% pero` jikkapitalizzah kull sitt xhur u fuqu jiddebita l-imghaxijiet komposti. Il-hazin, u hija verament prattika infami, huwa meta jsir abbuz bil-pozizzjoni tal-persuna debboli u ddisprata tad-debitur u jigu lilu addebitati imghaxijiet anke ferm oghla mic-cifra msemmija mill-ewwel Qorti. Huwa ovvju li ebda uzu tal-kummerc, huwa kemm huwa prevalenti, ma jista' jippermetti li din ir-rovina tigi mhux biss tacitament ammessa izda sancita b`ligi (l-istess uzu). Il-kaz tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji, pero`, huma ferm differenti. Fl-ewwel lok l-‘uzura’ taghhom hija sancita b`ligi – din il-Qorti tghid <u>kontrollata</u> b`ligi – l-Att dwar il-Bank Centrali ta` Malta, Kap. 204 tal-Ligijiet ta` Malta. Ukoll, pero`, u dan huwa rikonoxxut mill-istess appellati, il-kuntratt ta` ‘overdraft’ jaghti beneficcji enormi lill-istess debitur. Permezz tieghu jista’ iserrah rasu li l-likwidita` mehtiega hija ghad-dispozizzjoni tieghu minghajr l-obbligu li jigbed is-somma mislufa f`daqqa u qabel ma huwa jkollu bzonnha. Mill-banda l-ohra jista’ f`kull hin (daily debit balances) jiddepozita flejjes fil-kont kurrenti u, b`hekk, inaqqas id-debitu tieghu. Normalment u fuq medda ta` zmien l-effett li dan jista’ ikollu fuq l-imghax iddebitat huwa wiehed favorevoli ghad-debitur kuntrarjament ghal kaz tal-mutwu fejn fuq is-somma mislufa l-imghaxijiet (minkejja li

semplici) jghaddu minnufih u minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-bzonnijiet attwali u kontingenti tad-debitur. Kienu dawn il-konsiderazzjonijiet, fost ohrajn, li wasslu lill-Qrati u lill-guristi fi Franza u fl-Italja li jaccettaw dan l-uzu tal-kummerc u ma jikkonsidrawhx bhala uzu illi jmur kontra l-ordni pubbliku. Din il-Qorti ma tikkonvidix ghal kollox l-argument ta` l-appellati illi dak li huwa l-ordni pubbliku f`dawn iz-zewg pajjizi huwa totalment irrelevanti ghal pajjizna. Minkejja illi m`ghandux ikun eskluz li l-ordni pubbliku ta` pajjizna f`certi materji u minhabba l-esigenzi lokali ghandu jkun aktar sensibbli milli f`pajjizi ohra, il-paragun li qed isir hu proprju ma dawn il-pajjizi, li f`materja ta` dritt privat kellhom influwenza enormi fuq is-sistema legali taghna.

3. Stabbiliti dawn il-principji, pero`, huwa daqstant essenzjali li d-deroga ghall-provvedimenti tal-Kodici Civli jigu mizmuma f`linji ristretti. Terminat il-kont kurrent anke unilateralment da parti tal-kreditur simultanjament jidhlu in vigore il-provvedimenti normali tal-mutwu u minn dak il-hin huwa illecitu ghall-kreditur li jkompli jikkredita l-imghaxijiet komposti. Id-data preciza ta` din it-terminazzjoni hija kwistjoni ta` prova u tista` tvarja minn kaz ghal kaz. Fil-kaz prezenti jirrizulta illi il-Bank appellant ghamel ‘call in’ tal-facilitajiet fl-4 ta` Settembru 1987. Wara dik id-data, ghalhekk, ma huwiex permessibbli ghall-Bank attur li jiddebita imghax hlief b`rata semplici fuq bazi annwali.

Dan l-appell huwa ghalhekk deciz billi filwaqt li l-Qorti tikkonferma is-sentenza appellata in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti proprio et nomine, is-sentenza hija invece revokata in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni, u ghalhekk is-sentenza qed tigi varjata fis-sens illi it-talbiet attrici huma milqugha in toto ghall-ammonti dovuti sa` l-4 ta` Settembru 1987 izda wara dik id-data huma milqugha biss u limitatament ghall-interessi semplici. U peress li l-ammont li allura ghandu jithallas mill-konvenuti solidament bejniethom in konformita` ma dak appena deciz ghad irid jigi stabbilit u verifikat – haga li din il-Qorti ma setghetx taghmel a bazi ta` l-atti kif jinsabu quddiemha – il-kawza qed tigi differita ghal data ohra sabiex il-partijiet jew jaqblu dwar l-ammont jew igibu provi f`dan ir-rigward.

In vista` tal-komplessita` legali tal-kaz u tad-decide l-ispejjez tal-prim`istanza jibqghu kif minnha deciz (u f`dan is-sens l-aggravju ta` l-appellant kwantu ghall-kap ta’ l-ispejjez huwa wkoll respint), dak ta` dan l-appell sa issa jithallsu nofs bin-nofs bejn l-appellant u l-appellati b`mod solidali.

Dep/Reg.
gs